## *Kif tista' taghmel użu minn dan is-servizz?*

Jekk tahseb li dan is-servizz jista' jkun ta' ghajnuna ghalik ċemplilna fuq in-numri tat-telefon 21224461 ext.299 jew 21251072.

Tista tiġi l-ufficju taghna fil-ħinijiet imsemmija hawn taht u taghmel appuntament mas-social worker.

| | | |
|---|---|---|
| Hinijiet: | It-Tnejn | 8.00am – 5.20pm |
| | It-Tlieta | 8.00am – 5.20pm |
| | L-Erbgha | 8.00am – 2.30pm |
| | Il-Ħamis | 8.00am – 5.20p.m |
| | Il-Ġimgha | 8.00am – 5.20pm |
| | Is-Sibt | 8.00am – 2.30pm |

L-ufficju taghna jinsab l-ewwel sular ta' l-Administration Block fir-Residenza ta' San Vinċenz de Paule.



APPOĠĠ

*Ghat-Tfal, Familji, u l-Komunità*

[redacted]

***www.appogg.gov.mt***

APPOĠĠ

*Ghat-Tfal, Familji, u l-Komunità*







# *Servizz ta' Hidma Soċjali għall-Anzjani fir-Residenza San Vinċenz de Paule*

## *X'joffri is-Servizz ta' Hidma Soċjali għall-Anzjani fir-Residenza San Vincenz de Paule?*

Is-Servizz ta' Hidma Soċjali f'San Vincenz de Paule joffri diversi forom ta' għajnuna lill-anzjani f'din ir-Residenza kif wkoll lill-familji tagħhom b'mod speċjali jekk l-anzjani jkunu qegħdin f'San Vinċenz għal *respite* u jkunu ser jerġgħu imorru lura fi djarhom wara ftit jiem.

## *X'inhuma id-diffikultajiet li fihom tintalab l-għajnuna tas-Social Worker?*

Fost id-diffikultajiet li fihom spiss jintalab l-intervent tagħna, wieħed isemmi kaži ta':

- Anzjani li jħossuhom waħedhom;
- Anzjani li ma jiġi jżurhom ħadd;
- Anzjani li għandhom diffikultajiet ma' xi wħud mill-membri fil-familja tagħhom;
- Anzjani li jkunu qegħdin isofru xi forma ta' abbuż mill-familjari tagħhom u nies oħra li jkunu qegħdin jieħdu ħsiebhom;
- Anzjani li ma jkunux jixtiequ jibqgħu fir-residenza ta' San Vincenz;
- Anzjani li jixtiequ jkunu motivati biex iqattgħu il-ġurnata tagħhom aħjar;
- Anzjani li jkollhom bżonn tagħrif dwar servizzi soċjali.

Dawn huma wħud mid-diffikultajiet li numru ta' anzjani li nahdmu magħhom ikollhom.



## *X'tip ta' għajnuna tingħata mis-Social Workers?*

- *Counselling* u sapport għall-anzjani u qrabathom;
- Medjazzjoni bejn l-anzjani u dawk li huma qrib tagħhom;
- Nagħtu tagħrif dwar servizzi oħra li l-anzjani jistgħu jagħmlu użu minnhom;
- Nirreferu l-anzjan/a fil-każ li jkollu/ha bżonn ta' għajnuna minn professjonisti oħra fir-residenza jew aġenziji oħra;
- Nidentifikaw każi fejn ikun qed iseħħ xi forma ta' abbuż; filwaqt li naħdmu biex nipproteġu l-anzjan/a li tkun qegħda fil-periklu filwaqt li nassiguraw li dan l-abbuż jieqaf.

Hafna mill-interventi tagħna jsiru fis-Swali fejn ikunu residenti dawn l-anzjani. Hemm anzjani oħra li jippreferu jiġu l-uffiċċju tagħna. Nagħmlu wkoll żjajjar fid-djar ta' l-anzjani fejn ikun meħtieġ. L-għajnuna li noffru tingħata ma' dik ta' professjonisti oħra li wkoll ikunu qegħdin jaħdmu ma' l-anzjan/a. Dan għaliex is-*social worker* jifforma parti minn team *'multidixxiplinarju'* u nemmnu li flimkien ma' dawn il-professjonisti nistgħu noffru kwalita' ta' ħajja aħjar lil dawn l-anzjani.

## *Min jista' jagħmel użu minn dan is-servizz?*

- Anzjani jew persuni oħra li għandhom xi diżabilità u huma residenti f'San Vincenz;
- Anzjani li jkunu qegħdin f'din ir-residenza għal ftit ġranet bħala *respite;*
- Familji ta' anzjani f'San Vincenz li jkollhom bżonn xi tip ta' għajnuna.

Il-biċċa l-kbira ta' l-anzjani jiġu referuti minn *Nursing Officers* tal-*Wards*. Nirċievu wkoll *referrals* minn tobba, professjonisti oħra bħal *physiotherapists, occupational therapists, speech therapists* u minn għand psikjatri li jaħsbu li jkun ta' benefiċċju għall-anzjan li juża is-servizz li qegħdin noffru. Nirċievu ukoll *referrals* ta' anzjani li jkunu għadhom jgħixu fil-komunita' qabel ma' dawn jidħlu bħala residenti permanenti f'San Vincenz de Paule.